

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2014 – Roland vs UASI – Louboutin (sfumatura ta' kulur aħmar għall-pett ta' żarbun)

(**Kawża T-631/14**)

(2014/C 380/21)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Roland SE (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Onken u O. Rauscher, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Christian Louboutin (Pariġi, Franzja)

Talbiet

- tibdel id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-28 ta' Mejju 2014 fil-Każ R 1591/2013-1, sabiex l-oppożizzjoni Nru B 1 922 890 tinżamm b'mod shiħi u tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 008845539;
- sussidjarment: tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark l-oħra, li tikkonsisti fi sfumatura ta' kulur aħmar, applikata għall-pett ta' żarbun, għal prodotti fil-klassi 25 – Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 8 845 539

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva, li tinkludi l-elementi verbali "my SHOES", għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- Ksur tat-tieni frażi tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2014 – Intercon vs Il-Kummissjoni

(**Kawża T-632/14**)

(2014/C 380/22)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Intercon Sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: B. Eger, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-riorrenti titlob lill-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tiddikjara li, bl-ordni għall-ħlas lura tal-ammont ta' EUR 258 479.21, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' Għoti Nru ARTreat – 224297 taħt is-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka (FP7);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv

- eċċess tal-limiti tal-portata tal-eżami minħabba l-awditi li sar u l-evalwazzjoni irregolari sussegwenti tar-riżultati tal-eżami.

2. It-tieni motiv

- nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-Formola C iffirmata mill-benefiċjarju, minkejja li l-Kummissjoni talbet li din tiġi prodotta, u nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' provi fl-għamla ta' dikjarazzjoni ta' impjegat li tikkonferma li ma kienx possibbli li jikseb dokumenti mingħand il-koordinatur tal-konsorzu

3. It-tielet motiv

- nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kummenti u kjarifikazzjoni jiddu b'riferiment għall-Artikolu II.22.5 tal-Anness tal-Ftehim, minkejja li l-Kummissjoni talbet lill-benefiċjarju jiproduċihom u imponiet terminu għal dan il-għan.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2014 – Frinsa del Noroeste vs UASI – Frisa Frigorífico Rio Doce (FRISA)

(Kawża T-638/14)

(2014/C 380/23)

Lingwa tar-rikors: l-İspanjol

Partijiet

Rikorrenti: Frinsa del Noroeste, SA (Santa Eugenia de Riveira, Spanja) (rappreżentant: J. Botella Reyna, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Frisa Frigorífico Rio Doce, SA (Espírito Santo, il-Brażil)

Talbiet

- tiddeċċiedi sabiex tiċħad l-aċċess għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 10 329 721 FRISA sabiex jiġu distinti prodotti fil-klassi 29 u servizzi fil-klassi jiet 35 u 39.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva bl-elementi verbali "FRISA" għal prodotti u servizzi fil-klassi jiet 29, 35 u 39 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 329 721